**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 26 ta' Settembru, 2017

**Il- Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**-vs-**

**Victor Fenech detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 641158M.**

***Kumpilazzjoni 676/2011***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Victor Fenech u ċioè talli:

> F'dawn il-Gżejjer, bejn il-15 ta' Marzu, 2010, u t-12 ta' April, 2010, b'diversi atti magħmulin fi żmienijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:
>
>> Għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
>>
>> Fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, b'diversi atti magħmulin fi żmienijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula

b'riżoluzzjoni waħda, xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fil-paragrafu preċedenti;

Fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, b'diversi atti magħmulin fi żmienijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda għamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li setgħet tagħmel ħsara lil xi persuna jew jġib utli;

Fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, xjentement għamel użu minn skrittura privata li setgħet tagħmel ħsara lil xi persuna jew jġib utli; u

Fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, b'diversi atti magħmulin fi żmienijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentament għamel użu min xi dokument ieħor falsifikat.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat ghal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandhux l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Ikkunsidrat:-

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2010, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fl-24 ta' Jannar, 2017.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront

tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat in-natura tar-reati li qed tinstab htija dwarhom, tal-fedina penali xejn inkwetanti tal-imputat u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz, partikolarment tal-fatt li kif anke ammetta mal-Pulizija l-imputat meta interrogat l-ewwel darba, dak li ghamel sehh sabiex fl-ahhar mill-ahhar ma jbatux pazjenti li kienu qed jiddependu minn provvista ta' ossignu. Ittiehed kont ukoll tal-fatt li dan il-kaz li jirrisali ghal 2010, kien mar *sine die* fit-28 ta' Novembru, 2013, ghal ragunijiet kemm xejn neboluzi u kien biss fuq insistenza ta' din il-Qorti li l-kaz gie riappuntat ghas-smigh sabiex il-proceduri jissoktaw, meta beda jitmexxa minn ufficjal prosekutur gdida.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 183, 184, 187(1)(2) u 189 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 ta' l-Ligijiet ta' Malta, qed taghmel ordni għal liberazzjoni kondizzjonata u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sentejn millum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qabel ma sar l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**